# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 4**

**Rikors numru 558/02 AF**

**L-Avukat Dr Peter Caruana Galizia bhala mandatarju tas-socjeta` estera GlaxoSmithKline Export Limited**

**vs**

**Spiteri Maempel Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tas-soċjeta` konvenuta Spiteri Maempel Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru 2012, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-qorti tirrevoka s-

sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u l-kontro-talba tagħha u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi u l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` attriċi relattivi għall-kontro-talba. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ic-citazzjoni mressqa mill-Avukat Dr Peter Caruana Galizia bhala mandatarju tas-socjeta` GlaxoSmithKline Export Limited li bih ippremetta:
>
> "Billi s-socjeta` estera attrici kienet tbiegh gamma ta' medicini *(pharmaceuticals)* u prodotti relatati lis-socjeta` konvenuta bhala distributrici taghha f'dawn il-gzejjer;
>
> "Billi b'ittra datata 25 ta' Settembru 2001 is-socjeta` estera attrici kienet tat avviz ta' terminazzjoni tar-relazzjoni kummercjali taghha mas-socjeta` konvenuta u hatret distributur gdid ghal dawn il-gzejjer liema distributur kien ha bi ftehim il-konsenja tal-*saleable stock* kollu li kellha s-socjeta` konvenuta;
> Billi fil-mument meta gie terminat il-kuntratt ta' distribuzzjoni kien hemm diversi fatturi pendenti mahrugin mis-socjeta` estera attrici fuq is-socjeta` konvenuta u illum il-gurnata il-valur totali huwa ta' liri sterlini hames mija u tmintax-il elf, tmin mija u hmistax punt decimali sitta tlieta (GBP518,815.63);
>
> "Billi l-valur tal-*saleable stock* li gie konsenjat lill-distributur gdid kien ta' liri sterlini mitejn tnejn u ghoxrin elf, tliet mija sitta u sittin punt decimali tmienja tmienja (GBP222,366.88);
>
> "Billi bi ftehim bejn il-partijiet is-socjeta` konvenuta giet kreditata b'*handling fees* fuq il-*saleable stock* li gie ritornat ta' hamsa fil-mija (5%) ekwivalenti ghal liri sterlini hdax-il elf, mija u tmintax punt decimali tlieta tlieta (GBP11,118.33);
>
> "Billi bi ftehim bejn il-partijiet is-socjeta` konvenuta giet ukoll kreditata bis-somma ta' liri sterlini erba' u sittin elf, sitt mija erba' u tmenin punt decimali tmienja erba' (GBP64,684.48) valur ta' xi prodotti skaduti, prodotti moghtija lil spizeriji bhala *trade promotions* u spejjes konnessi ma' *tenders* tal-Gvern inkluz *bank charges, handling charges* u multi;

"Billi b'hekk il-bilanc dovut naqas ghal liri sterlini mitejn u ghoxrin elf, sitt mija hamsa u erbghin punt decimali disa' erba' (GBP220,645.94);

"Billi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata kemm il-darba biex taqbel fuq il-figura tal-ammont dovut u biex tipproponi hi stess kif kienet bi hsiebha thallas l-ammont dovut, naqset li taghmel dan u dana minkejja l-ittra ufficjali tat-2 ta' April 2002.

"Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta m'ghandiex tigi kkundannata minn din il-Qorti:

1. "thallas lis-socjeta` estera attrici kif rapprezentata s-somma ta' GBP220,645.94 illum ekwivalenti ghal cirka mija u tlieta u erbghin elf lira Maltin (Lm143,000), jew ammont ekwivalenti fi valuta lokali, skont il-kambju prevalenti fid-data tal-pagament effettiv, bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija konsistenti f'medicini (*pharmaceuticals)* u prodotti relatati;

2. "thallas ukoll l-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' April 2002 data tal-ittra ufficjali fuq riferita.

"Rat id-dokumenti annessi.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"L-eccipjenti ma humiex debituri tas-socjeta` attrici izda kredituri taghha fl-ammont ta' tmint elef sitt mija tlieta u disghin Lira Sterlina u tnejn u ghoxrin pence (Stg. 8693.22) kif jirrizulta mill-annessi dokumenti.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat il-kontro talba mressqa mis-socjeta` konvenuta fejn din, wara li ppremettiet illi:

"Peress illi l-esponenti kienet tagixxi ghal diversi snin bhala agent tas-socjeta` attrici fid-distribuzzjoni u bejgh ta' medicini; peress illi s-socjeta` attrici b'ittra tal-25 ta' Settembru 2001 itterminat dan il-ftehim ta' agenzija; peress meta saret din it-terminazzjoni kien hemm diversi pendenzi bejniethom illi kellhom jigu likwidati bonarjament; peress illi s-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' GBP 220,645.94; u billi meta l-istanti ivverifikat din it-talba kif ukoll id-dokumenti relatati qabbdet awditur kwalifikat biex wara li jezamina d-dokumenti relattivi jipprezentalha rapport dwar il-konkluzjonijiet tieghu fir-rigward; peress li l-konkluzjoni raggunta mill-awditur kif sorretta mid-dokumenti analizzati minnu, jirrizulta illi wara d-debita kompensazzjoni is-socjeta` konvenuta hija kreditrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' £Stg8693.22 kif jidher mid-dokumenti annessi u kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"Tghid is-socjeta` estera "GlaxoSmithKline Export Limited" ghaliex previa dikjarazzjoni illi avverat ruhha kompensazzjoni "ope legis" ma ghandhiex tigi kundannata thallas lis-socjeta` "Spiteri Maempel Ltd" is-somma ta' tmint elef sitt mija tlieta u disghin Lira Sterlina u tnejn u ghoxrin pence (£Stg. 8693.22) ekwivalenti ghal Lm5584.39 skont ir-rata odjerna jew somma verjuri ohra skont il-kambju, fl-ekwivalenti flus Maltin bl-interessi legali ghar-ragunijiet fuq esposti.

"Bl-ispejjez kontra is-socjeta` "GlaxoSmithKline Export Limited" li hija ingunta ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dr Peter Caruana Galizia nomine ghall-kontro talba tas-socjeta` konvenuta:

"Illi s-socjeta` estera GlaxoSmithKline Export Limited ma' ghandha taghti xejn lis-socjeta` konvenuta stante li gia sar it-tnaqqis necessarju kontra l-fatturi pendenti fit-talba principali tac-citazzjoni u ghalhekk m'hemm l-ebda *set off* ulterjuri li baqa' biex isir u wisq anqas kreditu favur is-socjeta` konvenuta.

"Illi d-Dokument XY esebit mis-socjeta`konvenuta fih diversi partiti li gia` gew imnaqqsa kif ukoll diversi partiti li s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex dritt ghalihom u sahansitra ammont ta' *commission* fuq invoices mertu tal-kawza li l-istess socjeta` konvenuta irrifjutat li thallas.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti diversament presjeduta hatret lil Michael Scerri bhala perit awditur biex jirrelata fuq it-talbiet u l-kontro-talba.

"Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2008 fejn il-Qorti kif presjeduta llum irrevokat l-inkarigu fuq imsemmi u hatret minflok lill-perit komputista Robert Cassar.

"Rat ir-relazzjoni tal-fuq imsemmi perit komputista minnu konfermata bil-gurament fit-18 ta' Marzu 2010.

"Semghet lill-perit komputista jixhed in eskussjoni.

"Rat id-dokumenti.

"Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-fuq imsemmija periti.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

"Rat l-atti kollha.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza kellhom bejniethom relazzjonijiet kummercjali li permezz taghhom is-socjeta` konvenuta kienet tiddistribwixxi f’Malta prodotti farmacewtici prodotti mis-socjeta` attrici. Gara li wara li saru xi mergers ta’ socjetajiet esteri, is-socjeta` attrici llum biddlet id-distributur lokali taghha sabiex b’hekk spiccat ir-relazzjoni kummercjali li kellhom il-partijiet. Sussegwentement inqala’ dizgwid ghar-rigward ta’ konteggi dwar hlasijiet pendenti reciprokament.

“Ikkunsidrat illi dwar il-fatti ma tezisti ebda kontestazzjoni. Anzi, l-vertenza hija essenzjalment wahda ta’ natura teknika li din il-Qorti ma tistax tiddetermina jekk mhux b’referenza ghar-rizultanzi tal-perizja minnha mitluba. Huwa ben risaput illi l-konkluzjonijiet ta’ perit tekniku ma jistghux jigu leggerment imwarrba mill-Qorti partikolarment meta ma ntalbitx il-hatra ta’ periti perizjuri minn dik il-parti fil-kawza li setghet ma qablitx mal-konkluzjonijiet tal-istess perit.

“Il-perit tekniku, wara li ezamina d-dokumenti kollha, wasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ GBP84,200. Meta xehed in eskussjoni huwa, ghar-rigward tal-pretensjonijiet tas-socjeta` konvenuta qal illi:

> “Fil-fehma tieghi, l-ammonti li qed jigu reklamati bhala set off ma gewx sostanzjati.............ghandhom jiehdu £84,200.”

“Il-Qorti tirrimarka f’dan l-istadju illi meta l-perit komputista qal li ma kienx ikkonsidra l-kontro-talba dan kien biss nuqqas ta’ gharfien ta’ terminu legali da parti tal-perit, ghaliex meta mitlub jaghti dettalji dwar kif hadem is-somma finali huwa spjega car li kien ikkonsidra d-dokumenti kollha u s-somom kollha mitluba.

“Fis-sottomissjonijiet imressqa minnhom is-socjeta` konvenuta jikkritikaw il-perit komputista dwar il-fatt li ma kkreditatiex bi credit note fl-ammont ta’ GBP 15,488. Il-Qorti fliet id-dokumenti kollha esebiti u ma sabetx din il-credit note. Lanqas ma sabet il-fax datat 11 ta’ Marzu 2002 minn Hilary Agius li jinghad li jirreferi ghall-istess credit note.

“Lanqas ma sabet dokumenti li b’xi mod jissostanzjaw l-ammonti ta’ GBP 38,915, GBP 2629 u GBP 30,346. Ghar-rigward ta’ dawn is-somom, il-perit tekniku ikkonkluda (ara fol 99) illi ma gew bl-ebda mod sostanzjati minn Spiteri Maempel Limited. Fil-kuntest din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-mod pjuttost legger u informali kif iz-zewg socjetajiet zammew il-kontijiet bejniethom, meta kienu qed jinnegozjaw f’somom kbar ta’ flus.

“Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi t-talba tal-attur nomine billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tilqa’ it-talbiet ta’

l-attur nomine u tikkundanna lil Spiteri Maempel Limited thallas lill-attur nomine s-somma f'Ewro ekwivalenti fid-data tal-effettiv pagament ghas-somma ta' liri sterlini erbgha u tmenin elf u mitejn, bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

"Taqta' u tiddeciedi l-kontro-talba billi tichad it-talbiet ta' Spiteri Maempel Limited.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom".

**<u>Rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta Spiteri Maempel Ltd (17.12.2012)</u>**

3. Jiġi spjegat fl-ewwel lok illi l-perit komputista fir-rapport tiegħu kkonkluda li s-soċjeta` konvenuta kienet debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' £84,200.

4. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha, b'referenza għal tali rapport peritali, is-soċjeta` konvenuta ilmentat li l-perit komputista ma kienx ikkredita favur tagħha erba' (4) ammonti partikolari: £15,488.04, £38,915.12, £30,346.29 u £2,629.89, u sostniet ukoll li ma kienx ikkonsidra l-kontro-talba tagħha.

5. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet li ma sabitx dokumenti li jissostanzjaw l-allegazzjoni tas-soċjeta` konvenuta illi s-soċjeta` attriċi kienet debitriċi lejha fir-rigward ta' tali erba' (4) ammonti, u rriteniet illi l-perit tekniku kien effettivament ikkonsidra l-kontro-talba tas-soċjeta` konvenuta. Għalhekk ikkundannat lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-

soċjeta` attriċi s-somma ta' £84,200, eżatt kif ikkonkluda l-perit komputista.

6. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni.

7. Fl-ewwel lok baqgħet issostni li l-erba' ammonti li għamlet riferenza għalihom fin-nota tas-sottomissjonjiet tagħha kellhom jitnaqqsu, u anke ppreżentat tlett dokumenti mar-rikors tal-appell tagħha (Dok I, Dok II u Dok III)[1] biex tkompli ssostni l-pretenzjoni tagħha f'dan ir-rigward. Spjegat kif l-imsemmija (4) erba' ammonti huma dovuti lilha:

(i) £15,488.04 - tgħid li dan l-ammont (rappreżentanti *credit note*) jirriżulta minn Dok I (fax tal-11 ta' Marzu 2002 mibgħuta minn Hilary Agius), u li inoltre kienet xehdet fuqu Maria Pia Cardona (mis-soċjeta` konvenuta) fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2005[2];

(ii) £38,915.12 - dan l-ammont huwa msemmi fl-*email* immarkat bħala Dok II. In oltre tgħid li l-istess Maria Pia Cardona kienet iddikjarat li dan ma kienx inkluż fid-Dok HPA1[3] ippreżentat mis-soċjeta` attriċi, u li Hilary Agius fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' April 2004[4] irrikonoxxa dan l-ammont;

---

[1] Esebiti a fol 363, 364 u 365 rispettivament
[2] Fol 80
[3] Fol 79
[4] Fol 78

(iii) £30,346.29 – fir-rigward ta' dan l-ammont tgħid li Hilary Agius fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' April 2004 kien irrikonoxxa wkoll dan l-ammont;

(iv) £2,629.89 – dan l-ammont jissemma f'Dok III.

8. Fit-tieni lok ilmentat ukoll illi l-espert komputista injora kompletament il-kontro-talba tagħha (li fiha talbet li s-soċjeta` attriċi tiġi dikjarata debitriċi fil-konfront tagħha fl-ammont ta' £8,693.22) u b'hekk sostniet li ma kienx esegwixxa l-inkarigu tiegħu b'mod oġġettiv.

**Risposta tal-appell tal-attur appellat nomine (14.10.2016)[5]:**

9. L-attur appellat nomine fl-ewwel lok sostna li t-tlett dokumenti li s-soċjeta` konvenuta ppreżentat mar-rikors tal-appell tagħha għandhom jiġu sfilzati peress li mhux permess li dan isir mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti u f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

10. Fil-mertu qal illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

11. Huwa sostna li l-ammont li s-soċjeta` konvenuta għandha tagħti

[5] L-attur appellat nomine spjega li huwa ma ġiex notifikat bir-rikors tal-appell, (fil-fatt hemm riferta negattiva datata 26.12.12) u li sar jaf bih proprju meta ġie nnotifikat bl-appuntament għas-smigħ (fil-fatt li jidher li ġie notifikat bl-appuntament fid-19.09.2016)

lis-soċjeta` attriċi huwa effettivament dak ta' £84,200 kif ikkonkluda l-perit tekniku. Dwar l-ilment tas-soċjeta` konvenuta li l-perit komputista ma kkonsidrax il-kontro-talba tagħha, qal li dan mhux minnu, għax kif anke osservat l-ewwel Qorti, mistoqsi in eskussjoni dwar il-kontro-talba insista li l-ammonti li kienu qed jiġu reklamati bħala set-off ma ġewx sostanzjati u għalhekk il-kontro-talba kellha tiġi miċħuda.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti</u>**

*L-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi u l-ammont pretiż mis-soċjeta` konvenuta*

12. Jiġi spjegat fl-ewwel lok illi għalkemm din il-kawża ġiet intavolata mis-soċjeta` attriċi kontra s-soċjeta` konvenuta biex tiġbor il-bilanċ ta' £220,645.94, fil-mori tal-kawża s-soċjeta` attriċi rriduċiet l-ammont għal £148,902.66.[6] Wara li l-perit tekniku kkonkluda li l-ammont dovut lilha da parti tas-soċjeta` konvenuta kien fil-fatt £84,200, hija fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha[7] qalet li kienet qegħda tirrimetti ruħha għal tali konklużjoni.

13. Is-soċjeta` konvenuta da parti tagħha sostniet li hija mhix debitriċi tas-soċjeta` attriċi, iżda li invece hija kreditriċi tagħha fl-ammont ta'

[6] Ara Dok HPA1, datat 22.04.2003 ippreżentat minn Hilary Agius mis-soċjeta` attriċi fis-seduta tal-21.04.2004

[7] Nota tas-sottomissjonijiet tas-soċjeta` attriċi ippreżentata fit-22.12.2011, fol 108-108A

£8,693.22, u ppreżentat kontro-talba f'dan is-sens. Fil-prospett Dok XY[8] ippreżentat minnha mal-istess kontro-talba hija spjegat kif waslet għal tali ammont.

*It-tlett dokumenti (Dok I, II, u III) li s-soċjeta` konvenuta ppreżentat fl-istadju tal-appell*

14. B'referenza għall-oġġezzjoni tas-soċjeta` attriċi fir-rigward tat-tlett dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` konvenuta mar-rikors tal-appell tagħha, il-Qorti tirreferi għall-verbal tat-13 ta' Marzu 2017 fejn ġie reġistrat hekk:

> "*Il-partijiet permezz tal-avukati tagħhom jaqblu illi d-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell għandhom jiġu ammessi bħala prova anke għaliex jidher illi dawn kienu ġia ġew esebiti fl-ewwel istanza għalkemm xi uħud minnhom ma nstabux fost l-atti*".
>
> "*Il-Qorti semgħet lill-partijiet, tilqa' t-talba għall-esebizzjoni tal-istess dokumenti*".

*Il-konsiderazzjoni o meno tal-kontro-talba da parti tal-perit tekniku*

15. Kif ingħad, is-soċjeta` konvenuta, kemm fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha quddiem l-ewwel Qorti, u kif ukoll f'dan l-appell tagħha, ilmentat illi l-perit tekniku injora għall-kollox il-kontro-talba tagħha fl-ammont ta' £8,693.22. Fix-xhieda tiegħu in eskussjoni tad-19

[8] Prospett Dok XY, fol 21-22

ta' Mejju 2011 huwa ppreżenta żewġ dokumenti immarkati Dok RCX1[9] u RCX2[10] li juru l-kalkoli tiegħu "*in a nutshell*":

(i) F'Dok RCX1 jispjega kif mill-ammont (ridott) ta' £148,902.63 pretiż mis-soċjeta` attriċi fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta, wara li naqqas l-ammonti li skont hu kellhom jitnaqqsu, wasal għall-ammont ta' £84,200.

(ii) Dok RCX2, huwa bażikament in-naħa l-oħra tal-munita. Fiha jispjega kif mill-ammont ta' £8,693.22 pretiż mis-soċjeta` konvenuta fil-konfront tas-soċjeta` attriċi permezz tal-kontro-talba tagħha, wara li naqqas l-ammonti li skont hu ma kinux sostanzjati, wasal għall-ammont ta' £84,200 (għajr għal differenza żgħira ta' £216.16).

16. Id-dokument RCX2 huwa prova ta' kemm il-perit tekniku effettivament ikkonsidra l-kontro-talba tas-soċjeta` konvenuta. Inoltre fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Settembru 2011 il-perit stess qal li:

> "*Fil-fehma tiegħi, l-ammonti li kienu qed jiġu reklamati bħala set off ma ġewx sostanzjati u għalhekk il-kontro-talba għandha tiġi miċħuda…għandhom jieħdu £84,200*".

u fix-xhieda tiegħu tas-16 ta' Novembru 2011[11] fil-fatt ikkonferma illi:

> "*…jiena, l-ammonti illi rreklamaw Spiteri Maempel Limited*

[9] Dok RCX1, fol 98
[10] Dok RCX2, fol 99
[11] Xhieda tal-perit tekniku tas-16.11.2011, fol 107A

> *ikkonsidrajthom biex ġejt għall-konklużjonijiet tiegħi….jiena kollox ikkunsidrajt biex wasalt għall-konklużjonijiet tiegħi*".

17. Għaldaqstant dan l-aggravju tas-soċjeta\` konvenuta huwa kompletament bla bażi.

*Il-kwistjoni ta' jekk l-erba' ammonti (total ta' £87,379.34) kellhomx jitnaqqsu mill-ammont ta' £84,200 li wasal għalih il-perit tekniku*

18. Is-soċjeta\` konvenuta, kemm fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha quddiem l-ewwel Qorti u kif ukoll f'dan l-appell tagħha, ilmentat illi mill-ammont ta' £84,200 li wasal għalih il-perit tekniku, kellhom jitnaqqsu erba' ammonti (li jġibu s-somma kumplessiva ta' £87,379.34) u li allura jiġi li hija s-soċjeta\` attriċi li hija fil-fatt debitriċi fil-konfront tagħha.

19. Din il-qorti sejra tikkonsidra l-erba' ammonti wieħed wieħed.

*(i)* *<u>£15,488.04 – rappreżentanti il-credit note numru 20540</u>*

20. Din il-qorti tosserva illi fl-*istatement of account* tas-soċjeta\` attriċi datat 11 ta' Marzu 2002[12], li juri *outstanding balance* ta' £562,854.82, jidhru diversi ammonti bis-simbolu matematiku tal-*minus* (-). Din il-qorti tifhem li dawn huma krediti favur is-soċjeta\` konvenuta. Fosthom hemm

[12] fol 74-75, fax li tidher mibgħuta minn Hilary Agius (soċjeta\` attriċi) – fil-fatt għalkemm l-ewwel qorti qalet li ma sabitx il-fax ta' Hilary Agius (li semmiet is-soċjeta\` konvenuta fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha) tali fax effettivament kienet fil-proċess

l-ammont ta' £15,488.04 indikat bin-numru tal-invoice 20540 li jġib id-data 19 ta' Settembru 2001. (Jiġi spjegat li Dok I, li huwa wieħed mit-tlett dokumenti li esebiet is-soċjeta` konvenuta fl-atti ta' dan l-appell huwa fil-fatt paġna waħda minn dan l-*istatement of account* li kien diġa esebit fl-atti).

21. L-*istatement of account* tas-soċjeta` attriċi tax-xahar ta' wara, datat 30 ta' April 2002[13], li juri *outstanding balance* ridott ta' £518,815.63, ukoll juri diversi ammonti bis-simbolu tal-*minus*. Fosthom jerġa' jidher l-ammont ta' £15,488.04.

22. Pero` Dok HPA1[14], l-*istatement of account* tas-soċjeta` attriċi tas-sena ta' wara, datat 22 ta' April 2003, li fih l-*outstanding balance* ulterjorment ridott fl-ammont ta' £148,902.63 u li jidher li qed jindika l-ammonti li huma krediti favur is-soċjeta` konvenuta bis-simbolu tal-"*brackets*", ma jinkludix l-ammont ta' £15,488.04.

23. Maria Pia Cardona (mis-soċjeta` konvenuta) fil-kontro-eżami tagħha tat-28 ta' Lulju 2005[15], sostniet li dan l-ammont ma kienx jidher bħala kreditu fl-*istatement of account* (ridott) tas-soċjeta` attriċi datat 22 ta' April 2003 (Dok HPA1), kif kien qed jiġi suġġerit lilha mid-difensur tas-soċjeta` attriċi - fatt li jidher li s-soċjeta` attriċi stess qed tirrikonoxxi

[13] fol 8-9 esebit mis-soċjeta` attriċi maċ-ċitazzjoni
[14] Dok HPA1, fol 79/331
[15] Xhieda ta' Maria Pia Cardona, 28 ta' Lulju 2005, fol 80-82/ 315-317

u cioe' li dan l-ammont huwa effettivament dovut minnha lis-soċjeta` konvenuta.

24. Jiġi osservat ukoll li fix-xhieda preċedenti tagħha tas-16 ta' Ġunju 2005[16] Maria Pia Cardona ppreżentat prospett bi tlett faċċati mmarkat Dok VF1[17] u fih, b'riferenza għal statement ieħor tas-soċjeta` attriċi datat 30 ta' April 2004 is-soċjeta` konvenuta indikat illi fost l-"*unlocated payments*" kien hemm is-somma ta' £15,488.04 rappreżentanti *credit note* bin-numru 20540 favur is-soċjeta` konvenuta.

25. Il-perit tekniku fir-rigward ta' dan l-ammont[18] qal li s-soċjeta` konvenuta kellha tipprovdi "*the necessary underlying evidence in support of the credit note being claimed*" u għalhekk ma qiesx tali ammont fil-kalkoli tiegħu. Pero` lanqas ma jidher li kkonsidra l-fatt li dan l-ammont kien diġa rikonoxxut bħala kreditu favur is-soċjeta` konvenuta fl-*istatements of account* preċedenti. Fix-xhieda tiegħu in eskussjoni tad-19 ta' Mejju 2011 qal "*…tiegħi jista' jkun hemm set off biss ta' dan l-ammont ta' 15,000 ecc….*". Jidher li kien hemm xi problemi fir-reġistrazzjoni u għalhekk it-traskrizzjoni mhix ċara.

26. Din il-qorti hija tal-fehma li ladarba mill-i*statements* preċedenti dan l-ammont jidher provat bħala kreditu favur is-soċjeta` konvenuta, u

[16] Xhieda ta' Maria Pia Cardona, 16 ta' Ġunju 2005, fol 310
[17] Dok VF1, fol 327-329
[18] Ara para. (e) tar-rapport peritali, fol 69

ladarba d-difensur tas-soċjeta` attriċi stess fil-kontro-eżami li kien qed jagħmel lil Maria Pia Cardona ssuġġerixxa li l-ammont kien fil-fatt inkluż fl-istatement tas-soċjeta` attriċi tat-22 ta' April 2003, dan għandu jitnaqqas mill-ammont ta' £84,200.

*(i)* ***__£30,346.29__*** *__rappreżentanti kummissjonijiet rigwardanti invoices mhux imħallsa__*

27. Fil-prospett Dok XY[19] li ppreparat is-soċjeta` konvenuta relattiv għas-somma ta' £8,693.22 li qed tirreklama fil-kontro-talba tagħha, u b'referenza għall-*istatement of accounts* tas-soċjeta` attriċi tal-11 ta' Marzu 2002, hemm indikata s-somma ta' £30,346.29 bħala "*commission for pending invoices*".

28. Fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' April 2004[20], Hilary Agius spjega li dan l-ammont ta' £30,346.29 indikat mis-soċjeta` konvenuta fil-prospett tagħha Dok XY, ma ġiex akkreditat favur tagħha għaliex la ma tħallsux l-invoices, allura l-kummissjonijiet ma kienux dovuti.

29. F'dan ir-rigward il-perit tekniku[21] qal li s-soċjeta` konvenuta "*cannot claim commission on invoices that have as yet not been settled by them*".

[19] Dok XY, fol 21-22
[20] Fol 78
[21] Ara para (h) tar-rapport peritali, fol 70

30. Din il-qorti taqbel illi ma jistgħux jitħallsu kummissjonijiet fuq fatturi li jkunu għadhom pendenti, b'dan izda illi meta jithallas il-bilanc li ser jirrizulta dovut skont din is-sentenza, ma' dak il-bilanc jigi pacut l-ammont ta' kummissjonijiet dovuti.

*(ii)* ***<u>£38,915.12</u>*** *<u>rappreżentanti kummissjonjiet rigwardanti invoices allegatament imħallsa</u>*

31. Fil-prospett Dok XY[22] li ppreparat is-soċjeta` konvenuta relattivament għas-somma ta' £8,693.22 li qed tirreklama fil-kontro-talba tagħha, u b'referenza għall-*istatement of accounts* tas-soċjeta` attriċi tal-11 ta' Marzu 2002, hemm indikata s-somma ta' £38,915.12 bħala "*commissions for invoices paid during 2001/2002*".

32. Inoltre, fid-Dok VF1[23] b'riferenza għall-*istatement of accounts* tas-soċjeta` attriċi datat 30 ta' April 2004 is-soċjeta` konvenuta indikat illi fost l-"*unlocated payments*" kien hemm is-somma ta' £38,915.12 rappreżentanti *"commissions for invoices settled 2001/2002."*

33. F'dan ir-rigward is-soċjeta` konvenuta wkoll ippreżentat Dok II[24] li huwa kopja (mhux intiera) ta' *e-mail* datat 20 ta' Ġunju 2002 indirizzata

[22] Dok XY, fol 21-22
[23] Dok VF1, fol 327-329
[24] Fol 364

lil certu “Mario” fejn hemm elenku ta’ punti relatati ma’ xi konversazzjoni li kienet saret bit-telephone. Mhux ċar min hi l-persuna li bagħtet tali *email* pero` mbagħad jidher li ġiet “forwarded” lill-istess Mario da parti ta’ Hilary Agius fl-20 ta’ Ġunju 2002. Fost il-punti elenkati hemm din partikolari:

> “*4. We agree on a further credit note to be raised in your favour, relating to commissions on various invoices paid in 2001/2002 for a total of £38,915.12*”.

34. Madanakollu, l-istess Hilary Agius, fix-xhieda tiegħu tal-21 ta’ April 2004, spjega li (bħal fil-każ tal-ammont £30,346.29) dan l-ammont ta’ £38,915.12, indikat mis-soċjeta` konvenuta fil-prospett tagħha Dok XY, ma ġiex akkreditat favur tagħha għaliex la ma tħallsux l-invoices, allura l-kummissjonijiet ma kienux dovuti. Is-soċjeta` konvenuta ma saqsietx lil Hilary Agius biex jispjega kif qed jgħid hekk, in vista tal-kontenut tal-*e-mail* imsemmija (li għalkemm kopja tagħha ġiet esebita proprju fl-atti tal-appell, din ċertament li kienet fil-pussess tagħha f’dak l-istadju, ladarba ġiet esebita minnha).

35. Maria Pia Cardona, fil-kontro-eżami tagħha tat-28 ta’ Lulju 2005 ġiet mistoqsija jekk dan l-ammont kienx fil-fatt inkluż fl-*istatement of account* tas-soċjeta` attriċi tat-22 ta’ April 2003 (Dok HPA1) u hija kkonfermat li ma kienx. Huwa ferm rilevanti l-fatt li ġie suġġerit lilha mid-difensur tas-soċjeta` attriċi li dan l-ammont kien ġie inkluż fl-*istatement*

*of account*. Minn din id-domanda jsegwi li s-soċjeta` attriċi fil-fatt qed tirrikonoxxi li l-invoices relattivi għal tali kummissjonijiet fil-fatt ġew imħallsa. Għalkemm fl-istess xhieda tagħha hija tgħid illi l-"*commissions dovuti lilna huma fuq invoices li għadhom pendenti*" ma jidhirx li hija qegħda tirriferi għal dan l-ammont partikolari kif donnu fehem il-perit tekniku[25].

36. In vista ta' dan kollu din il-qorti tikkonkludi li dan l-ammont għandu jitħallas, u għalhekk għandu jiġi dedott mill-ammont ta' £84,200.

*(i)* ***£2,629** rappreżentanti stokk skadut li ġie mibdul*

37. Fil-prospett Dok XY (imsemmi *supra*), redatt mis-soċjeta` konvenuta hemm indikat l-ammont ta' £2,629.89 li hija qed tirreklama mis-soċjeta` attriċi, rappreżentanti "*Exchanged expired stock to pharmacies October-December*".

38. Fil-kontro-eżami tagħha, Maria Pia Cardona ġiet mistoqsija jekk is-soċjeta` konvenuta kellhiex awtorita` tippretendi dan l-ammont. Irrispondiet illi kien hemm "*arranġament mas-soċjeta` attriċi li nsegwi din il-proċedura li dejjem saret bħala prattika bejnietna.*"

[25] Ara para (g) tar-rapport peritali, fol 69

39. Fir-rigward ta' dan l-ammont partikolari l-perit tekniku[26] qal "*The Office did not see supporting documents for such a claim*". Kompla jgħid li s-soċjeta` konvenuta "*has to provide necessary evidence in support of its claim for being compensated by GSK for such goods exchanged with pharmacies*".

40. Dok III, ippreżentat mis-soċjeta` konvenuta flimkien mar-rikors tal-appell tagħha huwa fil-fatt elenku tal-mediċini kollha li kienu ġew mibdula minħabba li kienu skaduti.

41. Din il-qorti, abbażi ta' tali dokument, hi tal-fehma li dan l-ammont għandu wkoll jitnaqqas.

42. Għaldaqstant mill-ammont ta' £84,200 li wasal għalih il-perit tekniku, għandu jitnaqqas l-ammont ta' £57,033.05 (£15,488.04 + £38,915.12 + £2,629.89). Dan iwassal għall-ammont ta' £27,166.95 li s-soċjeta` konvenuta għandha tħallas lis-soċjeta` attriċi. Dan l-ammont jitnaqqas ulterjorment kif imfisser fil-paragrafu 30 fuq.

43. Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell tas-soċjeta` konvenuta limitatament, u għalhekk qegħda tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti, billi:

[26] Ara para (j) tar-rapport peritali, fol 70

(i) tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta\` konvenuta;

(ii) tikkonfermaha in kwantu ċaħdet il-kontro-talba tas-soċjeta\` konvenuta;

(iii) tvarjaha in kwantu laqgħet l-ewwel t-talba tas-soċjeta\` attriċi fl-ammont (ridott) ta' £84,200, u qiegħda minflok tirriduċi tali ammont li s-soċjeta\` konvenuta għandha tħallas lis-soċjeta\` attriċi għal £27,166.95 jew l-ekwivalenti ta' din is-somma f'euro fid-data tal-effettiv pagament kif ulterjorment imnaqqas skont il-pragrafu 30 fuq;

(iv) tikkonfermaha in kwantu fir-rigward tat-tieni talba ordnat li l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu miż-żewġ partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb